Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 140 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**David Julius Carmelino Sciberras**

Illum, 12 ta Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat David Julius Carmelino Sciberras, detenur tal-karta tal-identita maltija bin-numru: 465494 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli :

1. Bejn ix-xhur ta' Mejju 2018 u Gunju 2018, f'San Pawl il-Bahar, wettaq att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna tan-neputija tieghu David Julius Carmelino Sciberras ta' 16-il sena; Art. 207 u 202(h)(vii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, produca, biegh jew xort' ohra traffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li

jkollhom bhala bazi dina r-raza, liema reat kien jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri u cioe` lil David Julius Carmelino Sciberras ta' 16-il sena; Art. 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar tali fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza; Art. 8(a) tal- Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati bis-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. C. P. Scerri Herrera LL.D. nhar it-8 t'Ottubru 2013.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija minuri David Julius Carmelino Sciberras u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' David Julius Carmelino Sciberras ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex, flimkien ma' kull piena li tista' taghti, taghmel Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-protezzjoni tal-imsemmija David Julius Carmelino Sciberras.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex jekk tkun sodisfatta li jkunu saru jew jistghu jsiru arrangament ghat-trattament tal-imsemmi David Julius Carmelino

Sciberras, tohrog Ordni ta' Trattament a tenur tal-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 t' April, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 207 u 202 (h) (vii) tal-Kap 9 u Art 8 (a) u Art 8 (b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat David Julius Carmelino Sciberras hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u ordnat li, ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin mill-lum. Rigward it-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu ikkundannatu ghall-penali ta' mitt ewro (€100).

Ordnat ai termini tal-Artikolu 10 (2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, illi f'kaz li l-hati ma jhallasx din il-penali fi zmien xahar mill-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Ai termini ta' l-Artikolu 7 (7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat David Julius Carmelino Sciberras bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' dakinhar stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat David Julius Carmelino Sciberras. Il-Qorti irrakomandat li l-Probation Officer ikun wiehed li jservi Ghawdex stante li l-imputat jghix hemm.

L-Ufficjal Sorveljanti assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lil imputat b' obbligazzjoni fil-konfront ta' David Julius Carmelino Sciberras taht penali ta' elfejn ewro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum u dan skond il-kundizzjonijiet fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jaghmel parti integrali minnha.

Stante li dawn il-proceduri saru bil-maghluq, ordnat divjet ta' pubblikazzjoni fuq l-ismijiet tal-imputat u l-vittma.

Finalment, il-Qorti ordnat li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1. **Tannulla, thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u ghalhekk wara li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett tirrevokaha u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biex tipprocedi bis-smiegh tal-kawza skond il-ligi;

**jew**

2. sussidjarjament u fil-kaz biss li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ma ghandhiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, li **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-imputat hati tal-

akkuzi kollha migjuba kontrih, u fejn ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lill-imputat b'obligazzjoni fil-konfront ta' Martine Sciberras taht penali ta' elfejn ewro (€2,000) ghal zmien sena mid-data tas-sentenza, tghaddi sabiex <u>tirrevoka</u> dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfront tal-appellat u minflok ghar-ragunijiet premessi tghaddi biex teroga l-piena idonea kontra tieghu skont il-ligi**.**

Rat l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali u cioe':-

(i) In-Nullita' tas-Sentenza

Illi minkejja li l-kawza saret u giet deciza nhar il-25 ta' April 2019 hekk kif juri l-verbal a fol. 23 tal-atti processwali, is-sentenza li tinsab a fol. 27 et seq. tal-atti processwali ggib id-data tas-26 ta' April 2019 minflok id-data tal-25 ta' April 2019. Dan jirrendi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti bhala nulla;

Illi di piu' jigi rilevat illi fil-proceduri odjerni l-imputat qua appellat David Julius Carmelino Sciberras tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat b'erba' (4) imputazzjonijiet, senjatament imputazzjoni li tikkoncerna ksur ta' disposizzjoni tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (imputazzjoni numru 1), l-addebitu tar-recediva (imputazzjoni numru 4), kif ukoll zewg imputazzjonijiet li jikkoncernaw ksur ta' disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (imputazzjonijiet numru 2, u 3). Illi l-imputazzjoni numru 1 migjuba kontra l-appellat li tikkoncerna ksur tad-disposizzjoni tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija imputazzjoni li ma tissubentrax entro l-parametri tal-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini tal-artikoli 370(1) u 370(2) tal-Kodici Kriminali u lanqas ma tissubentra entro l-parametri ta' piena indikati fl-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali. Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 2 u 3 li jikkoncernaw l-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali hareg l-Ordni

ai termini tal-artikolu 22 tal-istess Kapitolu sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali;

Illi ghaldaqstant l-esponent jirrileva li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 t'April 2019 hija nulla u bla effett stante li giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'kuntest procedurali fejn kien hemm Ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputazzjonijiet relatati mal-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jinstemghu mill-Qorti Kriminali, kif ukoll f'kuntest fejn ma kienx applikabbli aktar l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali stante li l-Qorti ma kinetx kompetenti li tiddeciedi fuq l-istess imputazzjonijiet;

(ii) Il-Piena Erogata

Illi sussidjarjament, minghajr pregudizzju ghas-suespost u strettament ghal kull buon fini, fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sentenza legalment valida, fl-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni kompletament zbaljata tal-ligi meta ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdet lill-appellat David Julius Carmelino Sciberras taht Ordni ta' Probation;

Illi l-artikolu 7(2)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

Kull ordni maghmula skont is-subartikolu (1) ghandha biss issir jekk:

(a) persuna tigi dikjarata hatja ta' reat, li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda, u ghax ma jkunx reat li apparti minn kull zjieda fil-piena minhabba f'li jkun wiehed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' htija precedenti, li jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux iktar minn seba' snin; u (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, hekk kif kontemplata fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, tikkomporta piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin fejn skont il-proviso ghall-istess artikolu din il-piena tizdied bi grad fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 202 tal-Kodici Kriminali. L-appellat wettaq l-att ta' natura sesswali minghajr kunsens fuq il-persuna tan-neputija tieghu Martine Sciberras hekk kif huwa stess ammetta fl-istqarrija tieghu. Konsegwentement bl-applikazzjoni tal-proviso ghall-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali il-piena applikabbli ghar-rigward l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik bejn erba' (4) snin u disa' (9) snin prigunerija. Konsegwentement, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation hekk li biss biss l-ewwel imputazzjoni wahida hija diga' punibbli bi prigunerija ghal zmien ta' iktar minn seba' snin;

Illi jista' jigi argumentat li l-ewwel proviso ghall-artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghti wkoll il-possibilta' li tinhareg Ordni ta' Probation a rigward ta' reat li jgorr mieghu piena ta' iktar minn seba' snin prigunerija izda mhux izjed minn ghaxar snin prigunerija. Dan l-artikolu jistipola s-segwenti:

Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jezistu cirkostanzi, li ghandhom jigu dikjarati b'mod car fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation fil-kaz ta' reat li, minbarra xi zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' htija precedenti, jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba' snin izda mhux ghaxar snin, il-qorti tista' taghmel ordni ta' probation: (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi jekk wiehed ihares lejn l-Ordni ta' Probation li giet mahruga f'dan il-kaz, wiehed jara li ma gew dikjarati l-ebda cirkostanzi li l-Qorti setghet hadet in konsiderazzjoni, hekk kif tirrikjedi il-Ligi nostrana kull meta l-Qorti taghzel li tqieghed lill-hati taht Ordni ta'

Probation ghall-reati li jgorru maghhom piena ta' prigunerija ghal zmien ta' aktar minn seba' snin prigunerija izda mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija. Ghaldaqstant dan iwassalna ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx l-ewwel proviso ghall-artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Otturu, 2019 u appuntu l-aggravju dwar in-nulilta tas-entenza moghija mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u rat li fis-seduta tal-25 ta' April, 2019 l-appellant kien irregistra ammission quddiem l-ewwel Qorti dwar l-akkuzi kollha li kien gie addibita bihom. Illi dakinhar stess u cioe fil-25 ta' April, 2019 l-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza fejn a bazi tal-ammissjoni registrata mill-appellant seduta stante fl-ewwel opportunita li kellu ddikjarat li sabitu hati tal-akkuzi u imponiet Ordni ta' Probabtion ghal perijodu massimu permess mill-ligi ta' tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 7 tal- kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li dan hu appell prezentat mill-Avukat Generali fejn in primis qed jiddikjara li s-sentenzamoghtija mill-ewwel Qorti hija nulla stante li ghandha element esenzjali taghha nieqes ucioeid-data prorpja ta meta inghatat. Skond il-verbal datat 25 ta' April 2019 inserit fl-atti a fol. 23 jirrizulta li l-kaz ghadda in gudikat pero meta l- Qorti esaminat is-sentenza dattilografata inserita fl-atti a fol. 27 rat li id-data hemm rapportata hija dik tas-26 ta April 2019.

Illi ghalkemm jidher li dan hu zball negligibbli u jidher li seta kien rizultat ta' lapsus calami dan iwassal sabiex dinil-Qorti tiddikjara is-sentenza li ingahtat hija nulla.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-imijiet **il-Pulizija vs Peter Axisa** [1] fejn il-fatti tal-kaz kienu kon simili fis-sens li li dik il-Qorti osservat illi s-sentenza appellata iggib id-data tal-10 ta' Dicembru, 2016 meta l-atti jindikaw illi f'dik id-data l-atti kienu ilhom konkluzi sa mill-10 ta' Dicembru 2015 u f'dik il-kawza fejn kien hemm data hazina fis-sentenza l-Qorti ghaddiet biex tilqa' l-aggravju ta' nullita u annullat is-sentenza moghtija.

Illi a bazi ta' dan l insenjament din il-Qorti ser ikollha tiddikjara din is-sentenza ukoll nulla u bla effett stante li hija karenti minn dettall indispensabbli ghall-validita' taghha u ghalhekk ser tghaddi biex tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabeix tiddeciedi l-kawza mill-gdid;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-imputati mill-beneficcju tad-doppio esame, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2017.